



24.10.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni) (COM(2016)767 – C8-0500/2016 – 2016/0382(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Florent Marcellesi

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-politiki Ewropej dwar il-klima u l-enerġija jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-obiettivi tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp, kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat ta' Lisbona u fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. It-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli għandha importanza ewlenija fl-ilħuq ta' dawn l-għanijiet. Għaldaqstant, meta jitqies li l-bijoenerġija jista' jkollha biss rwol limitat biex jiġu sodisfatti d-domandi enerġetiċi tal-UE u filwaqt li l-politika tal-UE dwar il-bijoenerġija żgur se tintuża bħala mudell fin-negozjati internazzjonali, ir-rapporteur jemmen fl-importanza primarja li jiġi żgurat li d-direttiva proposta tirispondi għal kriterji strinġenti ta' sostenibbiltà soċjali u ambjentali.

Għal dan il-għan, id-direttiva proposta jenħtieġ li tissaħħa b'diversi modi:

Bi tqawwija tal-ambizzjoni klimatika tal-proposta permezz ta' żieda fil-proporzjon ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għal 45 % fl-2030 b'miri nazzjonali obligatorji sabiex jiġu sodisfatti l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi;

B'eliminazzjoni gradwali tal-bijokarburanti tal-ewwel ġenerazzjoni kollha sal-2030 sabiex jiġu minimizzati l-impatti negattivi tal-bijoenerġija fuq id-drittjiet tal-art, id-dritt għall-ikel, il-bijodiversità, il-ħamrija u l-impatti ġenerali tat-tibdil indirett fl-użu tal-art. Minn issa 'l quddiem, il-proporzjon tal-bijokarburanti tal-ewwel ġenerazzjoni u tal-għelejjel bijolikwidi li jista' jingħadd fil-kuntest tal-ilħuq tal-mira għall-karburanti għat-trasport skont din id-Direttiva jenħtieġ li jitnaqqas b'mod progressiv sal-2030, meta dan il-proporzjon ikun niżel sa zero;

Bl-eliminazzjoni gradwali tal-inċentivi politiki kollha għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-għelejjel tal-ikel u tal-ġhalf, jew minn għelejjel oħrajn imkabbra fuq art agrikola produttiva;

Bit-tisħiħ tar-regoli tat-Tibdil Indirett fl-Użu tal-Art (ILUC), meta jitqies li l-għelejjel mhux tal-ikel għall-enerġija jistgħu jagħtu kontribut favur l-ILUC jekk ikunu prodotti fuq art li kienet tintuża għall-produzzjoni tal-ikel;

Bl-iżgurar tal-konformità tad-direttiva riformulata mal-ġerarkija tal-iskart u mal-prinċipji tal-użu kaskata.

Bit-tisħiħ tas-salvagwardji għal bijokarburanti avvanzati, li jenħtieġ li jnaqqsu b'mod effikaċi l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u jirrispondu għal kriterji sodi ta' sostenibbiltà ambjentali f'każ li jiġi inċentivat l-użu tal-iskart u tar-residwi għall-enerġija;

Bl-introduzzjoni ta' kriterji tas-sostenibbiltà soċjali, waqt li jitqies il-fatt li l-kunflitti dwar l-art li jqumu, pereżempju, minn investimenti agrikoli fuq skala kbira fil-produzzjoni tal-materja prima qegħdin jiżdedu. Għaldaqstant, id-Direttiva jenħtieġ li tkun konsistenti mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet għaż-żamma tal-art, li huma iżjed u iżjed importanti fil-pajjiżi fejn id-drittijiet konsvetudinarji mhumiex rikonoxxuti b'mod ċar fil-liġi statutorja, u fejn il-popolazzjonijiet indiġeni rurali jkollhom storja ta' spustamenti kkaġunati minn proġetti ta' konservazzjoni.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) L-istabbiliment ta' ***mira*** vinkolanti tal-Unjoni dwar l-enerġija għall-2030 ***tkompli thegġegħ*** l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jiġġeneraw l-enerġija ***rinovabbli*** u ***tipprovdi*** ċ-ċertezza għall-investituri. ***Mira definita fil-livell tal-Unjoni tħalli flessibilità akbar għall-Istati Membri li jilhqgħu l-miri tat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett serra b'mod mill-aktar kosteffettiv u b'konformità maċ-ċirkostanzi speċifiċi, it-taħlit tal-enerġija u l-kapaċitajiet tagħhom biex tiġi prodotta l-enerġija rinnovabbli.***

Emenda

(8) L-istabbiliment ta' ***miri*** vinkolanti tal-Unjoni ***u nazzjonali*** dwar l-enerġija għall-2030 ***ikompli jhegġegħ*** l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jiġġeneraw l-enerġija ***rinnovabbli*** u ***jipprovdi*** ċ-ċertezza għall-investituri.

Ġustifikazzjoni

Biex jiġu sodisfatti l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, huwa mifhum li sehem l-enerġija rinnovabbli se jiżdied kemm fil-livell tal-UE, kif ukoll f'dak tal-Istati Membri. Miri fil-livell tal-Istati Membri li jkunu konsistenti mal-mira tal-UE jgħinu biex jiżguraw li l-mira globali tal-UE se tintlaħaq.

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) L-użu tal-bijomassa għall-enerġija jinvolve kostijiet tal-għażla sinifikanti marbuta mat-tnaqqis jew mat-telf tal-ekosistemi. L-Istati Membri jenhtiegħ li joqogħdu lura milli jissussidjaw jew jobbligaw l-użu ta' materja prima għall-enerġija meta użu bħal dan ikollu impatt

negattiv fuq id-drittijiet tal-art, id-drittijiet għall-ikel, il-bijodiversità, il-ħamrija jew il-bilanċ globali tal-gassijiet b'effett ta' serra.

Ġustifikazzjoni

L-Aġenda 2030 hija qafas politiku trasformattiv bl-għan li jinqered il-faqar u jintlaħaq żvilupp sostenibbli fil-livell globali. Minn issa 'l quddiem, l-azzjonijiet li jittieħdu mill-UE biex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima jridu jkunu konsistenti mal-oġettivi li jiġu sodisfatti s-17-il SDG tiegħu u jindirizzaw l-interkonnessjonijiet essenzjali bejn l-oġettivi u l-miri tiegħu.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 15b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15b) Il-promozzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-prinċipju tal-użu kaskata, b'mod partikolari fir-rigward tal-bijomassa forestali u dik agrikola, u fuq l-ekonomija ċirkolari. L-iskemi ta' appoġġ li jmexxu 'l quddiem l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli jenħtieġ li ma jimminawx il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari jew il-ġerarkija tal-iskart, li jikklassifikaw l-għażliet għall-ġestjoni tal-iskart skont is-sostenibbiltà tagħhom u jagħtu l-ogħla prijorità lill-prevenzjoni tal-iskart u lir-riċiklaġġ tiegħu.

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li l-UE u l-Istati Membri tagħha jimplimentaw l-Aġenda 2030 fil-politiki interni u esterni kollha permezz ta' approċċ komprensiv u strateġiku, u jintegraw it-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli b'mod bilanċjat u koerenti, u jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn l-SDGs differenti, kif ukoll l-impatti fuq skala aktar estensiva tal-azzjonijiet domestiċi tagħhom fil-livell internazzjonali u globali.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 15c (ġdida)

(15c) Rigward l-użu ta' sorsi bijotiċi ta' enerġija, l-Istati Membri jenħtieġ li jintroduċu salvagwardji biex jipproteġu l-bijodiversità u biex jipprevjenu t-tnaqqis jew it-telf tal-ekosistemi u kwalunkwe devjazzjoni mill-użi eżistenti li jħallu impatt negattiv indirett jew dirett fuq il-bijodiversità, il-ħamrija jew il-bilanċ globali tal-gassijiet b'effett ta' serra.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) Il-ftuħ ta' skemi ta' appoġġ għal parteċipazzjoni transkonfinali tillimita l-impatti negattivi fuq is-suq intern tal-enerġija u jista', taħt ċerti kundizzjonijiet, jgħin lill-Istati Membri jiksbu l-għan tal-Unjoni b'mod aktar kosteffettiv. Il-parteeipazzjoni transkonfinali hija r-riżultat naturali tal-iżvilupp **ta' politika** tal-Unjoni dwar **l-enerġiji**, b'mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni **minflok miri** nazzjonali vinkolanti. Għalhekk huwa xieraq li l-Istati Membri jkunu obbligati li b'mod progressiv u parzjali jiftħu appoġġ għal proġetti li jinsabu fi Stati Membri oħra, u jiddefinixxu diversi modi li bihom jista' jiġi implimentat it-tali ftuħ progressiv, filwaqt li li jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, inklużi l-Artikoli 30, 34 u 110.

(17) Il-ftuħ ta' skemi ta' appoġġ għal parteċipazzjoni transkonfinali tillimita l-impatti negattivi fuq is-suq intern tal-enerġija u jista', taħt ċerti kundizzjonijiet, jgħin lill-Istati Membri jiksbu l-għan tal-Unjoni b'mod aktar kosteffettiv. Il-parteeipazzjoni transkonfinali hija r-riżultat naturali tal-iżvilupp **tal-politika** tal-Unjoni dwar **is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli**, b'mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni **li takkumpanja l-miri** nazzjonali vinkolanti. Għalhekk huwa xieraq li l-Istati Membri jkunu obbligati li b'mod progressiv u parzjali jiftħu appoġġ għal proġetti li jinsabu fi Stati Membri oħra, u jiddefinixxu diversi modi li bihom jista' jiġi implimentat it-tali ftuħ progressiv, filwaqt li li jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, inklużi l-Artikoli 30, 34 u 110.

Ġustifikazzjoni

Biex jiġu sodisfatti l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, huwa miżmum li sehem l-enerġija rinnovabbli se jiżdied kemm fil-livell tal-UE, kif ukoll f'dak tal-Istati Membri. Miri fil-livell tal-Istati Membri li jkunu konsistenti mal-mira tal-UE jgħinu biex jiżguraw li l-mira globali tal-UE se tintlaħaq.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Biex jiġi żgurat li l-Anness IX iqis il-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, il-kriterji *tas-sostenibbiltà* tal-Unjoni, u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-Anness ma johlqx domanda addizzjonali għall-art filwaqt li jippromwovi l-użu tal-iskart u r-residwi, il-Kummissjoni, meta b'mod regolari tivvaluta l-Anness, *għandha* tqis l-inklużjoni ta' materja prima addizzjonali ma tikkawżax effetti *distortivi* sinifikanti fuq is-swieq tal-prodotti (sekondarji), l-iskart jew ir-residwi.

²⁵ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Emenda

(25) Biex jiġi żgurat li l-Anness IX iqis il-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, il-kriterji *tas-sostenibbiltà* tal-Unjoni, ***il-prinċipju tal-użu kaskata***, u l-ħtieġa li jiġi żgurat li ***dak*** l-Anness ma johlqx domanda addizzjonali għall-art filwaqt li jippromwovi l-użu tal-iskart u r-residwi, il-Kummissjoni, meta b'mod regolari tivvaluta ***dak*** l-Anness, ***jenħtieġ li*** tqis l-inklużjoni ta' materja prima addizzjonali ***li tkun kapaċi tipprovdi tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra bbażat fuq valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja, filwaqt li jitqiesu l-emissjonijiet indiretti relatati ma' kwalunkwe effett ta' spostament, u li*** ma tikkawżax effetti *distorsivi* sinifikanti fuq is-swieq tal-prodotti (sekondarji), l-iskart jew ir-residwi.

²⁵ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Ġustifikazzjoni

Ftit materja prima hija verament disponibbli mingħajr emissjonijiet. Jekk il-materjal jinbidel mill-użi attwali tiegħu lejn il-produzzjoni tal-bijokarburanti, l-utenti l-oħra se jintlaqtu. Hija meħtieġa analiżi tal-ispostament li tidentifika liema materjali jkunu se jintużaw biex jissostitwixxu l-materja prima, u l-emissjonijiet assoċjati magħha, biex nifhmu l-impatt klimatiku tal-użu ta' dak il-materjal għal karburant alternattiv. Skont il-politika tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari u l-Istrateġiji tal-Foresti, għandu jitqies il-prinċipju tal-użu kaskata tal-bijomassa.

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Premessa 50a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(50a) Filwaqt li din id-Direttiva tistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-promozzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, tikkontribwixxi wkoll għall-impatt potenzjali pożittiv li l-Unjoni u l-Istati Membri jista' jkollhom biex tingħata spinta lill-iżvilupp tas-settur tal-enerġija rinnovabbli f'pajjiżi terzi. L-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu r-riċerka, l-iżvilupp u l-investment fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u pajjiżi sħab oħra, u b'hekk tissaħħaħ is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika u l-kapaċità ta' esportazzjoni tagħhom ta' enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, l-importazzjoni ta' enerġija rinnovabbli minn pajjiżi sħab tista' tgħin lill-Unjoni u lill-Istati Membri jilhq u miri ambizzjużi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(62) *L-Istrateġija* Ewropea għal mobilità b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ta' Lulju 2016 ġibdet l-attenzjoni li l-bijokarburanti magħmula mill-ikel għandhom rwol limitat fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport u għandhom jiġu eliminati b'mod gradwali u sostitwiti minn bijokarburanti avanzati. Bi tnejn għat-tranżizzjoni għal bijokarburanti *avanzati* u li jimminimizzaw l-impatti *indiretti* kumplessivi tat-tibdil fl-użu tal-art, ikun jixraq li jitnaqqas l-ammont ta' bijokarburanti u bijolikwidi prodotti minn għelejjel tal-ikel u l-għalf li

(62) *Fejn il-bwar jew l-artijiet agrikoli li qabel kienu maħsuba għall-produzzjoni tal-ikel u l-għalf jiġu kkonvertiti għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, xorta jibqa' meħtieġ li tiġi sodisfatta d-domanda mhux marbuta mal-karburanti billi tiġi intensifikata l-produzzjoni attwali jew billi art mhux agrikola minn band'oħra tiġi inkluża għall-produzzjoni. L-użu ta' art mhux agrikola għall-agrikoltura jikkostitwixxi tibdil indirett fl-użu tal-art u jista' jwassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet b'effett ta' serra meta dan jinvolti l-konverżjoni ta' art b'ħażna*

jista' jingħadd lejn il-mira tal-Unjoni **stabbiliti** f'din id-Direttiva.

għolja ta' karbonju. L-Istrateġija Ewropea għal mobilità b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ta' Lulju 2016 ġibdet l-attenzjoni li l-bijokarburanti magħmula mill-ikel għandhom rwol limitat fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport u għandhom jiġu eliminati b'mod gradwali u sostitwiti minn bijokarburanti avanzati. Bi tħejjija għat-tranżizzjoni għal bijokarburanti **avanzati** u li jimminimizzaw l-impatti kumplessivi tat-tibdil **indirett** fl-użu tal-art, ikun jixraq li jitnaqqas l-ammont ta' bijokarburanti u bijolikwidi prodotti minn għelejjel tal-ikel u l-ġhalf li jista' jingħadd lejn il-mira tal-Unjoni **stabbilita** f'din id-Direttiva, **u li tiġi inkluża stima tat-tibdil indirett fl-użu tal-art fil-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra.**

Ġustifikazzjoni

Il-fenomeni tat-tibdil indirett fl-użu tal-art jenħtieġ li jiġi rikonoxxut b'mod ċar u jitqies fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni

(64) Il-bijokarburanti avanzati u bijokarburanti oħra u l-bijogass prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX, il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, u l-elettriku rinnovabbli fit-trasport jistgħu jikkontribwixxu biex jistimulaw emissjonijiet baxxi tal-karbonju u d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport tal-Unjoni b'mod kosteffettiv, filwaqt li jtejbu fost oħrajn id-diversifikazzjoni tal-enerġija fis-settur tat-trasport filwaqt li jippromwovu l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi fl-ekonomija tal-Unjoni u jnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-

Emenda

(64) Il-bijokarburanti avanzati u bijokarburanti oħra u l-bijogass prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX, il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, u l-elettriku rinnovabbli fit-trasport jistgħu jikkontribwixxu biex jistimulaw emissjonijiet baxxi tal-karbonju u d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport tal-Unjoni b'mod kosteffettiv, filwaqt li jtejbu fost oħrajn id-diversifikazzjoni tal-enerġija fis-settur tat-trasport filwaqt li jippromwovu l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi fl-ekonomija tal-Unjoni u jnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-

enerġija. L-obbligu tal-inkorporazzjoni fuq il-fornituri tal-karburanti għandha tinkoraġġixxi l-iżvilupp kontinwu ta' karburanti avvanzati, inklużi il-bijokarburanti, u huwa importanti li jiġi żgurat li l-obbligu tal-inkorporazzjoni jagħti inċentiv għal titjib fil-prestazzjoni tal-gass b'effett ta' serra tal-karburanti furnuti biex jilhqun dan l-għan. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-prestazzjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra, l-innovazzjoni teknoloġika u s-sostenibbiltà ta' dawk il-karburanti.

enerġija. *Madankollu, materja prima mhux tal-ikel tista' tikkawża emissjonijiet assoċjati mat-tibdil fl-użu tal-art jew emissjonijiet indiretti oħra. Sabiex jitqiesu l-emissjonijiet indiretti li jkollhom x'jaqsmu mal-ispostament ta' użi attwali għal xi materja prima, jenħtieġ li jiġu inklużi stimi fil-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Huwa possibbli li dawk l-istimi jinbidlu hekk kif data addizzjonali ssir disponibbli jew hekk kif is-swieq għal dik il-materja prima mhux tal-ikel jinbidlu maż-żmien. Għalhekk, huma għandhom jiġu rieżaminati regolarment.* L-obbligu tal-inkorporazzjoni fuq il-fornituri tal-karburanti għandha tinkoraġġixxi l-iżvilupp kontinwu ta' karburanti avvanzati, inklużi il-bijokarburanti, u huwa importanti li jiġi żgurat li l-obbligu tal-inkorporazzjoni jagħti inċentiv għal titjib fil-prestazzjoni tal-gass b'effett ta' serra tal-karburanti furnuti biex jilhqun dan l-għan. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-prestazzjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra, l-innovazzjoni teknoloġika u s-sostenibbiltà ta' dawk il-karburanti.

Ġustifikazzjoni

Hija meħtieġa analiżi tal-ispostament li tidentifika liema materjali jkunu se jintużaw biex jissostitwixxu l-materja prima, u l-emissjonijiet assoċjati magħha, biex nifhmu l-impatt klimatiku tal-użu ta' dak il-materjal għal karburant alternattiv.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 69a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(69a) Il-produzzjoni tal-bijokarburanti, u b'hekk il-miri u l-iskedi ta' żmien li jikkonċernawhom, jenħtieġ li ma jikkawżawx tibdil fl-użu tal-art u ma għandhom, bl-ebda mod, jaffettwaw il-katina alimentari.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 69b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(69b) Il-politika tal-bijokarburanti tal-Unjoni jista' jkollha impatti negattiv impliċiti mhux biss fuq l-ambjent iżda wkoll fuq il-ħajja tal-komunitajiet lokali, id-drittijiet għall-art u s-sikurezza tal-ikel jekk is-sostenibbiltà u s-salvagwardji tad-drittijiet tal-bniedem ma jkunux ġew stabbiliti.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 73

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(73) Il-materja prima agrikola mill-produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa ma **għandhiex tiġi** prodotta minn art **tal-pit** peress li l-kultivazzjoni tal-materja prima fuq **art tal-pit** tirriżulta f'telf sinifikanti **tal-istokk** tal-karbonju jekk l-art tkompli tiġi **iddrejnjata** għal dak il-għan filwaqt li n-nuqqas tat-tali drenaġġ ma jkunx jista' jiġi vverifikat faċilment.

(73) Il-materja prima agrikola mill-produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa **jenħtieġ li** ma **tiġix** prodotta minn **torbiera jew** art **mistagħdra** peress li l-kultivazzjoni tal-materja prima fuq **it-torbiera jew l-art mistagħdra** tirriżulta f'telf sinifikanti **tal-ħażna** tal-karbonju jekk l-art tkompli tiġi **ddrejnjata** għal dak il-għan filwaqt li n-nuqqas tat-tali drenaġġ ma jkunx jista' jiġi vverifikat faċilment.

Ġustifikazzjoni

It-torbiera u l-art mistagħdra jirrappreżentaw habitats ta' valur għoli ta' konservazzjoni li jospitaw uħud mill-aktar ħażniet importanti ta' karbonju fl-UE u fid-dinja. Madankollu, meta jisfaw degradati, jarmu ammonti kbar ta' gassijiet serra.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 73a (ġdida)

(73a) Ir-residwi agrikoli u forestrali li jintużaw għall-produzzjoni tal-bijokarburanti, tal-bijolikwidi u tal-karburanti mill-bijomassa jenħtieġ li jkunu kkultivati u maħsuda permezz ta' prattiki li jkunu konsistenti mal-protezzjoni tal-kwalità tal-ħamrija u l-karbonju organiku fil-ħamrija.

Ġustifikazzjoni

Il-politika agrikola tal-UE għandha tkun konsistenti mal-impenji tal-UE rigward it-tibdil fil-klima u l-qerda tal-faqar. L-isfidi ambjentali li tradizzjonalment l-agrikoltura tħabbat wiċċha magħhom madwar id-dinja qed jiġu aggravati mit-tibdil fil-klima. Aktar minn qatt qabel, il-bdiewa jkollhom jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima billi jużaw prattiki ta' biedja sostenibbli.

Emenda 14

**Proposta għal direttiva
Premessa 95a (ġdida)**

(95a) Il-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri dwar il-bijokarburanti jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u mal-prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp kif stabbilit fit-Trattat ta' Lisbona. B'mod partikolari, l-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-politiki tagħhom dwar il-bijokarburanti ma jħallux impatti negattivi fuq pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u li dawn jirrispettaw id-drittijiet għaż-żamma tal-art tar-residenti lokali kif stipulat fil-Konvenzjoni dwar il-Popli Indiġeni u Tribali f'Pajjiżi Indipendenti (Nru 169) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) kif ukoll il-Linji Gwida Volontarji tan-NU dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti fil-Kuntest tas-Sigurtà Alimentari Nazzjonali, il-Prinċipji tal-

Investment Responsabbli fl-Agricoltura u fis-Sistemi tal-Ikel u l-Gwida OECD-FAO għall-Katini tal-Provvista Agrikola Responsabbli.

Ġustifikazzjoni

Il-Ftehim ta' Pariġi jitlob li l-partijiet, waqt li jieħdu azzjoni dwar it-tibdil fil-klima, jirrispettaw l-obbligi internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-popli indiġeni. Jgħid ukoll li l-azzjonijiet b'rabta mal-klima jridu jintlaħqu fuq il-bażi tal-ekwità u fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u sforzi biex jinqered il-faqar. Meta jitqies li l-politika dwar il-bijokarburanti tal-UE tista' tpoġġi pressjoni akbar fuq l-art barra 'l pajjiż, huwa importanti li jiġi żgurat li dawn ma jkollhomx effett negattiv fuq id-drittijiet eżistenti tar-residenti lokali fil-qasam tal-pussess tal-art.

Emenda 15

**Proposta għal direttiva
Premessa 99**

Test propost mill-Kummissjoni

(99) Biex jiġu emendati jew issupplimentati l-elementi mhux essenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, is-setgħa li tadotta l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***jeħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-lista tal-materji*** prima għall-produzzjoni tal-bijokarburanti avvanzati, ***li l-kontribut tagħhom lejn l-obbligu tal-fornituri tal-karburant fit-trasport huwa limitat.*** L-adattament tal-kontenut tal-enerġija tal-karburanti tat-trasport għall-progress xjentifiku u tekniku; il-metodoloġija biex jiġi ddeterminat is-sehem tal-bijokarburant li jirriżulta mill-ipproċessar tal-bijomassa bil-karburanti fossili f'proċess komuni; l-implimentazzjoni tal-ftehimiet dwar l-għarfien reċiproku tal-garanziji tal-orġini; l-istabbiliment ta' regoli għall-monitoraġġ tat-tħaddim tas-sistema tal-garanziji tal-orġini; u r-regoli għall-kalkolu tal-impatt tal-gass b'effett serra tal-bijokarburanti, bijolikwidi u tal-karburant fossili ta' referenza għat-tqabbil magħhom Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni

Emenda

(99) Biex jiġu emendati jew issupplimentati l-elementi mhux essenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, is-setgħa li tadotta l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***fir-rigward tal-lista tat-tipi ta' materja*** prima għall-produzzjoni tal-bijokarburanti avvanzati, ***inklużi l-emissjonijiet indiretti stmati assoċjati;*** l-adattament tal-kontenut tal-enerġija tal-karburanti tat-trasport għall-progress xjentifiku u tekniku; il-metodoloġija biex jiġi ddeterminat is-sehem tal-bijokarburant li jirriżulta mill-ipproċessar tal-bijomassa bil-karburanti fossili f'proċess komuni; l-implimentazzjoni tal-ftehimiet dwar l-għarfien reċiproku tal-garanziji tal-orġini; l-istabbiliment ta' regoli għall-monitoraġġ tat-tħaddim tas-sistema tal-garanziji tal-orġini; u r-regoli għall-kalkolu tal-impatt tal-gass b'effett serra tal-bijokarburanti, bijolikwidi u tal-karburant fossili ta' referenza għat-tqabbil magħhom Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell

twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi ċċarat li l-emissjonijiet indiretti jiġu kkunsidrati kompletament meta jkun qed jiġu kkunsidrati l-materji primi differenti.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 101a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(101a) 1.4 biljun ruħ fid-dinja ma għandhomx aċċess għall-elettriku. Madwar tliet biljun ruħ jiddependu fuq il-karburanti tradizzjonali bħall-faħam u l-injam għat-tisjir, u spiss ikollhom ventilazzjoni ħażina f'darhom. Kważi żewġ miljun ruħ imutu kull sena minn pulmonite u mard kroniku tal-pulmun bl-użu ta' dawn il-karburanti.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 101b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(101b) Il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp

adottaw dejjem aktar politiki dwar l-enerġija rinnovabbli fil-livell nazzjonali, peress li għandhom l-għan li jipproduċu enerġija minn sorsi rinnovabbli sabiex jissodisfaw id-domanda enerġetika li kulma jmur qiegħda tiżdied. Aktar minn 173 pajjiż, inkluż 117-il pajjiż b'ekonomija fil-fażi tal-iżvilupp jew emerġenti, kienu stabbilixxew miri ta' enerġija rinnovabbli sal-aħħar tal-2015.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 101c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(101c) L-użu tal-enerġija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw huwa marbut mill-qrib ma' firxa ta' kwistjonijiet soċjali: it-tnaqqis tal-faqar, l-edukazzjoni, is-saħħa, it-tkabbir fil-popolazzjoni, l-impjiegi, l-intrapriża, il-komunikazzjoni, l-urbanizzazzjoni u n-nuqqas ta' opportunitajiet għan-nisa. L-enerġiji rinnovabbli għandhom il-potenzjal importanti li jippermettu li l-isfidi tal-iżvilupp u dawk ambjentali jiġu trattati b'mod konġunt. F'dawn l-aħħar snin, kien hemm żvilupp sinifikanti ta' teknoloġiji tal-enerġija alternattiva, kemm f'termini ta' prestazzjoni u tnaqqis fl-ispejjeż. Barra minn hekk, ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw jinsabu f'pożizzjoni partikolarment tajba fejn jidħol l-iżvilupp ta' ġenerazzjoni ġdida ta' teknoloġiji tal-enerġija. Minbarra l-benefiċċji tal-iżvilupp u dawk ambjentali, l-enerġiji rinnovabbli għandhom il-potenzjal li jipprovdu aktar sigurtà u stabbiltà ekonomika. Użu akbar ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli jnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-karburanti fossili għaljin u jgħinu lil ħafna pajjiżi jtejbju l-bilanċ tal-pagamenti tagħhom.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni għall-promozzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Hija tistabbilixxi ***mira vinkolanti tal-Unjoni*** għas-sehem globali ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030 . Hija tistabbilixxi wkoll regoli dwar appoġġ finanzjarju għall-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli, għall-awtokonsum tal-elettriku rinnovabbli, u għall-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-setturi tat-tisħin u t-tkessiġ u t-trasport, il-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi, garanziji tal-oriġini, proċeduri amministrattivi, u informazzjoni u taħriġ. Hija tistabbilixxi kriterji ta' sostenibbiltà u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa.

Emenda

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni għall-promozzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Hija tistabbilixxi ***miri tal-Unjoni u nazzjonali obbligatorji*** għas-sehem globali ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030. Hija tistabbilixxi wkoll regoli dwar appoġġ finanzjarju għall-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli, għall-awtokonsum tal-elettriku rinnovabbli, u għall-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-setturi tat-tisħin u t-tkessiġ u t-trasport, il-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi, garanziji tal-oriġini, proċeduri amministrattivi, u informazzjoni u taħriġ. Hija tistabbilixxi kriterji ta' sostenibbiltà u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa.

Ġustifikazzjoni

Biex jiġu sodisfatti l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, huwa mifhum li sehem l-enerġija rinnovabbli se jiżdied kemm fil-livell tal-UE, kif ukoll f'dak tal-Istati Membri. Miri fil-livell tal-Istati Membri li jkunu konsistenti mal-mira tal-UE jgħinu biex jiżguraw li l-mira globali tal-UE se tintlaħaq.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt na (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(na) "għelejjel għall-enerġija" tfisser għelejjel prodotti fuq art agrikola bħala għelejjel ewlenin, bl-eklużjoni tar-residwi u l-iskart, imkabbra primarjament għall-

finijiet tal-enerġija;

Ġustifikazzjoni

Kjarifika tad-definizzjoni.

Emenda 21

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mira kumplessiva vinkolanti tal-Unjoni
għall-2030

Miri kumplessivi tal-Unjoni **u nazzjonali**
vinkolanti għall-2030

Ġustifikazzjoni

Meħtieġa għall-konsistenza mal-Artikolu 1.

Emenda 22

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**3a. L-Istati Membri għandhom
jiżguraw, fl-ilħuq tal-għanijiet imsemmija
fil-paragrafu 3, li l-miri nazzjonali
tagħhom ikunu mfassla b'mod li
jikkonformaw mal-ġerarkija tal-iskart
stabbilita fid-Direttiva 2008/98/KE, b'mod
partikolari fir-rigward tal-konsum tal-
bijomassa forestali u agrikola għal finijiet
tal-enerġija, u li jissodisfaw il-prinċipji
tal-ekonomija ċirkolari u tal-użu kaskata.
Għal dan il-għan, l-Istati Membri
għandhom jeżaminaw mill-ġdid il-miri
nazzjonali tagħhom b'mod regolari biex
jiżguraw il-konformità ma' dawn il-
prinċipji.**

Ġustifikazzjoni

*L-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jimplimentaw l-Aġenda 2030 fil-politiki interni u esterni
kollha, jindirizzaw l-interkonnnessjonijiet bejn l-SDGs differenti, kif ukoll l-impatti fuq skala*

aktar estensiva tal-azzjonijiet domestiċi tagħhom fil-livell internazzjonali u globali. Għaldaqstant, ikun tajjeb li l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u tal-użu kaskata jiġu applikati kull fejn ikunu rilevanti, anke f'din id-direttiva, bl-intenzjoni li jaġixxu ta' mudell għall-pajjiżi terzi.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) l-elettriku jkun ġie prodott f'konformità mad-dritt internazzjonali, inklużi l-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ma għandhomx, b'mod mhux intenzjonali, jippremjaw il-produzzjoni tal-elettriku b'kundizzjonijiet li jmorru kontra d-dritt internazzjonali.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) l-applikazzjoni tirrigwarda proġett konġunt li jissodisfa l-kriterji fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2 u li ser juża l-interkonnettur wara li jibda jaħdem, u kwantità ta' elettriku li ma tkunx aktar mill-kwantità li ser tiġi esportata lejn l-Unjoni wara li l-interkonnettur jibda jaħdem.

(e) l-applikazzjoni tirrigwarda proġett konġunt li jissodisfa l-kriterji fil-punti (b), (c) u (ca) tal-paragrafu 2 u li ser juża l-interkonnettur wara li jibda jaħdem, u kwantità ta' elettriku li ma tkunx aktar mill-kwantità li ser tiġi esportata lejn l-Unjoni wara li l-interkonnettur jibda jaħdem.

Ġustifikazzjoni

Meħtieġa għall-konsistenza mal-paragrafu preċedenti, punt ca, miżjud permezz tal-emenda 25.

Emenda 25

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) tinkludi dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-għarfien tal-punti (b) u (c) **minn pajjiż** terz li fit-territorju tiegħu għandu jibda' jaħdem l-impjant u **l-proporzjoni** jew **ammont** ta' elettriku prodott mill-impjant li ser ikun għall-użu domestiku minn dak il-pajjiż terz.

Emenda

(d) tinkludi dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-għarfien tal-punti (b), (c) u (ca) **tal-paragrafu 2 mill-pajjiż** terz li fit-territorju tiegħu għandu jibda' jaħdem l-impjant u **l-proporzjon** jew **l-ammont** ta' elettriku prodott mill-impjant li ser ikun għall-użu domestiku minn dak il-pajjiż terz.

Ġustifikazzjoni

Meħtieġa għall-konsistenza mal-paragrafu 2 preċedenti, punt ca, miżjud permezz tal-emenda 25.

Emenda 26

**Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 11**

Test propost mill-Kummissjoni

11. L-Istati Membri ma għandhom jirrikonoxxu garanziji tal-orìġini maħruġa minn pajjiżi terzi ħlief meta l-Kummissjoni tkun iffirmit ftehim ma' dak il-pajjiż terz dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-garanziji tal-orìġini maħruġa mill-Unjoni u sistemi kompatibbli ta' garanziji tal-orìġini stabbiliti f'dak il-pajjiż, meta jkun hemm importazzjoni jew esportazzjoni diretta tal-enerġija. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 32 ħalli tinforza dawn il-ftehimiet.

Emenda

11. L-Istati Membri ma għandhom jirrikonoxxu garanziji tal-orìġini maħruġa minn pajjiżi terzi ħlief meta l-Kummissjoni tkun iffirmit ftehim ma' dak il-pajjiż terz dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-garanziji tal-orìġini maħruġa mill-Unjoni u sistemi kompatibbli ta' garanziji tal-orìġini stabbiliti f'dak il-pajjiż, meta jkun hemm importazzjoni jew esportazzjoni diretta tal-enerġija. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 32 ħalli tinforza dawn il-ftehimiet. ***Dawn il-ftehimiet għandhom ikunu konformi mad-dritt internazzjonali, inkluż mal-liġi tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll mad-deċiżjonijiet rilevanti kollha tal-Kummissjoni u l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.***

Ġustifikazzjoni

Il-possibilità li l-elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli u importat jiġi inkluż fil-kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli għandha tkun konformi mad-dritt internazzjonali u d-dritt tal-UE. Ma għandhiex twassal għat-tnaqqis tal-istandards fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem jew tinvolvi kompetizzjoni inġusta.

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

b) għall-kalkolu tan-numeratur, **tal-kontenut ta' enerġija ta' bijokarburanti** avvanzati u **bijogass u bijokarburanti oħra** prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX, **għandhom jiġu kkunsidrati l-karburanti** għat-trasport **rinnovabbli** likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, **karburanti fossili bbażati fuq l-iskart fornuti lis-setturi kollha tat-trasport**, u l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli **għall-vetturi tat-triq**.

b) għall-kalkolu tan-numeratur, **għandu jiġi kkunsidrat il-kontenut enerġetiku tal-bijokarburanti** avvanzati u **tal-bijokarburanti l-oħra u l-bijogass** prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX, **il-karburanti** għat-trasport likwidi u gassużi **minn sorsi rinnovabbli** ta' oriġini mhux bijoloġika, u l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli **fornut lis-setturi kollha tat-trasport**.

Ġustifikazzjoni

L-Aġenda 2030 u s-17-il SDG tagħha huma universali u japplikaw għall-pajjiżi kollha fl-istadji kollha ta' żvilupp, abbażi tas-sjieda nazzjonali u r-responsabbiltà kondiviża. Mhuwiex xieraq li jiġu inklużi mandati relatati mal-karburanti fossili - anke dawk derivati mill-iskart - fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, b'mod speċjali f'kuntast fejn jista' jkun li l-politika tal-UE dwar l-enerġija tintuża bħala mudell f'negozjati internazzjonali.

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ca) **għall-kalkolu tan-numeratur u tad-denominatur, il-bijokarburanti u l-bijolikwidi li jiġu prodotti minn materja prima miksuba jew prodotta fl-UE biss għandhom jiġu kkunsidrati.**

Ġustifikazzjoni

Għall-finijiet ta' sostenibbiltà u biex jittieħed kont tal-effetti tal-LUC u l-ILUC, il-bijokarburanti/bijolikwidi li huma prodotti minn materja prima (inkluż l-iskart) li joriġinaw mill-UE biss għandhom jiġu kkunsidrati bħala sostenibbli.

Emenda 29

Proposta għal direttiva Artikolu 26 – paragrafu 5 – punt a – punt v

Test propost mill-Kummissjoni

v) *tal-ħsad ma jaqbiżx* il-kapaċità *tal-produzzjoni* fit-tul tal-foresta;

Emenda

v) *il-ħsad iżomm jew itejjeb* il-kapaċità *tal-produttività* fit-tul tal-foresta;

Emenda 30

Proposta għal direttiva Artikolu 26 – paragrafu 5 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

i) il-bijomassa tal-foresti għet maħsuda *skont permess legali*;

Emenda

i) il-bijomassa tal-foresti għet maħsuda *legalment*;

Emenda 31

Proposta għal direttiva Artikolu 26 – paragrafu 5 – punt b – punt v

Test propost mill-Kummissjoni

v) il-ħsad *ma jaqbiżx* il-kapaċità *tal-produzzjoni* fit-tul tal-foresta;

Emenda

v) il-ħsad *iżomm jew itejjeb* il-kapaċità *tal-produttività* fit-tul tal-foresta;

Emenda 32

Proposta għal direttiva Artikolu 26 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa agrikola u forestali kkunsidrati għall-finijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel superagrafu tal-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw ir-

rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-materja prima tinkiseb minn partijiet jew foresti fejn id-drittijiet tal-partijiet terzi fir-rigward tal-użu u ż-żamma tal-art jew tal-foresta jkunu ġew rrispettati bil-kisba tal-kunsens minn qabel, bla ħlas u infurmat minn dawn il-partijiet terzi, bil-parteċipazzjoni minn istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet rappreżentanti;

(b) id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol ta' partijiet terzi jkunu ġew irrispettati; kif ukoll

(c) id-disponibbiltà tal-ikel u tal-għalf għal partijiet terzi ma tkunx f'riskju.

F'dan l-isfond, id-drittijiet għaż-żamma tal-art tar-residenti lokali, skont il-Konvenzjoni tal-ILO Nru 169, kif ukoll il-Linji Gwida Volontarji tan-NU dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti fil-Kuntest tas-Sigurtà Alimentari Nazzjonali, il-Prinċipji tal-Investment Responsabbli fl-Agrikoltura u fis-Sistemi tal-Ikel u l-Gwida tal-OECD-FAO għall-Katini tal-Provvista Agrikola Responsabbli, għandhom ikunu rrispettati bis-sħiħ u bi prijorità.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, it-terminu "partijiet terzi" jirreferi għal komunitajiet lokali u indiġeni jew kwalunkwe persuna involuta fil-produzzjoni jew fil-ħsad ta' materja prima jew milquta mill-ħidmiet fuq il-produzzjoni u l-estrazzjoni tal-materja prima.

Ġustifikazzjoni

Il-kultivazzjoni u l-ħsad tal-bijomassa għandhom jipproteġu d-drittijiet tal-partijiet terzi, jirrispettaw il-liġijiet tax-xogħol u jevitaw impatti negattivi fuq is-sigurtà tal-ikel.

Emenda 33

**Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 10**

Test propost mill-Kummissjoni

10. Għall-finijiet **msemmija** fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jqiegħdu rekwiżiti **addizzjonali** dwar is-sostenibbiltà **għall-karburanti** mill-bijomassa.

Emenda

10. Għall-finijiet **imsemmija** fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jqiegħdu rekwiżiti **addizzjonali** dwar is-sostenibbiltà **għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti** mill-bijomassa.

Ġustifikazzjoni

Id-dritt tal-Istati Membri li jimplementaw rekwiżit ta' sostenibbiltà addizzjonali ma għandux ikun limitat għall-karburanti mill-bijomassa.

Emenda 34

**Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri biex jistabilixxu salvagwardji adegwati, komprensivi u bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-użu tal-bijokarburanti sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet tad-drittijiet għall-art u implikazzjonijiet oħra relatati mad-drittijiet tal-produzzjoni u l-importazzjoni tal-bijokarburanti.

Emenda 35

**Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) fejn valur awtomatiku **għall-iffrankar** tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra għall-mogħdija ta' produzzjoni **hija stabbilita** fil-Parti A jew B tal-Anness V għal bijokarburanti u bijolikwidi u fil-parti A tal-Anness VI għal karburanti mill-bijomassa fejn il-valur el għal dawk il-bijokarburanti jew bijolikwidi kkalkulat

(a) fejn valur awtomatiku **għat-tnaqqis** tal-emissjonijiet ta' gass b'effett **ta'** serra għall-mogħdija ta' produzzjoni **huwa stabbilit** fil-Parti A jew B tal-Anness V għal bijokarburanti u bijolikwidi u fil-parti A tal-Anness VI għal karburanti mill-bijomassa fejn il-valur el għal dawk il-bijokarburanti jew bijolikwidi kkalkulat

skont il-punt 7 tal-Parti C tal-Anness V u għal **dwk** il-karburanti mill-bijomassa kkalkulati skont il-punt 7 tal-parti B tal-Anness VI huwa ugwali għal zero jew anqas, billi jintuża dak il-valur awtomatiku;

skont il-punt 7 tal-Parti C tal-Anness V u għal **dawk** il-karburanti mill-bijomassa kkalkulati skont il-punt 7 tal-parti B tal-Anness VI huwa ugwali għal zero jew anqas, billi jintuża dak il-valur awtomatiku ***u minnu jitnaqqas it-tnaqqis awtomatiku tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li jirriżulta minn tibdil indirett fl-użu tal-art kif stipulat fil-Parti A tal-Anness VIII jew minn emissjonijiet indiretti kif stipulat fil-Parti Ba tiegħu;***

Ġustifikazzjoni

Ftit materja prima hija verament disponibbli mingħajr emissjonijiet. Jekk il-materjal jinbidel mill-użi attwali tiegħu lejn il-produzzjoni tal-bijokarburanti, l-utenti l-oħra se jintlaqtu. Stim tal-emissjonijiet indiretti tal-karbonju bbażati fuq analiżi tal-ispostamenti li tidentifika liema materjali se jintużaw sabiex jissostitwixxu l-materja prima, u l-emissjonijiet assoċjati magħha, għandhom jintużaw fil-kalkolu għat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra sabiex jiġi rifless l-impatt fuq il-klima meta wieħed juża dak il-materjal għal karburant alternattiv.

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ***bl-użu ta'*** valur ***attwali*** kkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fil-Parti C tal-Anness V ***għal bijokarburanti*** u bijolikwidi u fil-parti B tal-Anness VI għall-karburanti mill-bijomassa;

Emenda

(b) ***billi jintuża*** valur ***reali*** kkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fil-Parti C tal-Anness V ***għall-bijokarburanti*** u bijolikwidi u fil-parti B tal-Anness VI għall-karburanti mill-bijomassa, ***u li minnu jitnaqqas it-tnaqqis awtomatiku tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li jirriżulta minn tibdil indirett fl-użu tal-art kif stipulat fil-Parti A tal-Anness VIII jew minn emissjonijiet indiretti kif stipulat fil-Parti Ba tiegħu;***

Ġustifikazzjoni

Ftit materja prima hija verament disponibbli mingħajr emissjonijiet. Jekk il-materjal jinbidel mill-użi attwali tiegħu lejn il-produzzjoni tal-bijokarburanti, l-utenti l-oħra se jintlaqtu. Stim tal-emissjonijiet indiretti tal-karbonju bbażati fuq analiżi tal-ispostamenti li tidentifika liema materjali se jintużaw sabiex jissostitwixxu l-materja prima, u l-emissjonijiet assoċjati magħha, għandhom jintużaw fil-kalkolu għat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra sabiex jiġi rifless l-impatt fuq il-klima meta wieħed juża dak il-materjal għal karburant alternattiv. Din l-

emenda hija intrinsikament marbuta mal-emenda għall-Artikolu 25(1).

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) billi jintuża valur ikkalkulat bħala s-somma tal-fatturi **tal-formuli** msemmija fil-punt 1 tal-Parti C tal-Anness V, fejn **l-valuri** awtomatiċi diżaggregati fil-Parti D jew E tal-Anness V jistgħu jintużaw għal xi fatturi, u valuri reali, ikkalkulati skont il-metodoloġija stabbilita fil-Parti C tal-Anness V, għall-fatturi l-oħra kollha. jew

Emenda

(c) billi jintuża valur ikkalkulat bħala s-somma tal-fatturi **tal-formuli** msemmija fil-punt 1 tal-Parti C tal-Anness V, fejn **il-valuri** awtomatiċi diżaggregati fil-Parti D jew E tal-Anness V jistgħu jintużaw għal xi fatturi, u valuri reali, ikkalkulati skont il-metodoloġija stabbilita fil-Parti C tal-Anness V, għall-fatturi l-oħra kollha **u jitnaqqas mill-valur ikkalkulat it-tnaqqis awtomatiku tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li jirriżulta minn tibdil indirett fl-użu tal-art kif stipulat fil-Parti A tal-Anness VIII jew minn emissjonijiet indiretti kif stipulat fil-Parti Ba tiegħu;** jew

Ġustifikazzjoni

Ftit materja prima hija verament disponibbli mingħajr emissjonijiet. Jekk il-materjal jinbidel mill-użi attwali tiegħu lejn il-produzzjoni tal-bijokarburanti, l-utenti l-oħra se jintlaqtu. Stimuli tal-emissjonijiet indiretti tal-karbonju bbażati fuq analiżi tal-ispostamenti li tidentifika liema materjali se jintużaw sabiex jissostitwixxu l-materja prima, u l-emissjonijiet assoċjati magħha, għandhom jintużaw fil-kalkolu għat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra sabiex jiġi rifless l-impatt fuq il-klima meta wieħed juża dak il-materjal għal karburant alternattiv.

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) billi jintuża valur ikkalkulat bħala s-somma tal-fatturi tal-formoli msemmija fil-punt 1 tal-Parti B tal-Anness VI, fejn l-valuri awtomatiċi diżaggregati fil-Parti C tal-Anness Vi jistgħu jintużaw għal xi fatturi, u valuri reali, ikkalkulati skont il-

Emenda

(d) billi jintuża valur ikkalkulat bħala s-somma tal-fatturi tal-formoli msemmija fil-punt 1 tal-Parti B tal-Anness VI, fejn l-valuri awtomatiċi diżaggregati fil-Parti C tal-Anness Vi jistgħu jintużaw għal xi fatturi, u valuri reali, ikkalkulati skont il-

metodoloġija stabbilita fil-Parti **b** tal-Anness VI, għall-fatturi l-oħra kollha.

metodoloġija stabbilita fil-Parti **B** tal-Anness VI, għall-fatturi l-oħra kollha **u jitnaqqas mill-valur ikkalkulat it-tnaqqis awtomatiku tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li jirriżulta minn tibdil indirett fl-użu tal-art kif stipulat fil-Parti A tal-Anness VIII;**

Ġustifikazzjoni

Ftit materja prima hija verament disponibbli mingħajr emissjonijiet. Jekk il-materjal jinbidel mill-użi attwali tiegħu lejn il-produzzjoni tal-bijokarburanti, l-utenti l-oħra se jintlaqtu. Stimi tal-emissjonijiet indiretti tal-karbonju bbażati fuq analiżi tal-ispostamenti li tidentifika liema materjali se jintużaw sabiex jissostitwixxu l-materja prima, u l-emissjonijiet assoċjati magħha, għandhom jintużaw fil-kalkolu għat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra sabiex jiġi rifless l-impatt fuq il-klima meta wieħed juża dak il-materjal għal karburant alternattiv.

Emenda 39

Proposta għal direttiva Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-oriġini **tal-bijokarburanti**, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa **kkunsamati** fl-Unjoni **u** l-impatt tal-produzzjoni **tagħhom**, inkluż l-impatt li jseħħ bħala riżultat **tal-ispustjar**, fuq l-użu ta' art fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi **ewlenin** ta' provvista. Dan il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq il-pjanijiet integrati nazzjonali tal-Istati Membri fir-rigward tal-enerġija u l-ilma u r-rapporti ta' progress korrispondenti rikjesti fl-Artikoli 3, 15 u 18 tar-Regolament [Governance], u dawk tal-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet intergovernattivi, l-istudji xjentifiċi rilevanti u kull informazzjoni rilevanti oħra. Il-Komunità għandha timmonitorja wkoll iċ-ċaqliq fil-prezzijiet tal-prodotti essenzjali assoċjati mal-użu tal-bijomassa għall-enerġija u kull effett pożittiv jew negattiv fuq is-sigurtà tal-ikel.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-oriġini **ta' bijokarburanti u** bijolikwidi, u karburanti mill-bijomassa **kkunsmati** fl-Unjoni **kif ukoll** l-impatt tal-produzzjoni **ta' enerġija rinnovabbli minn dawk is-sorsi u minn sorsi oħrajn**, inkluż l-impatt li jseħħ bħala riżultat **ta' spostament**, fuq l-użu ta' art fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi ta' provvista. Dan il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq il-pjanijiet integrati nazzjonali tal-Istati Membri fir-rigward tal-enerġija u l-ilma u r-rapporti ta' progress korrispondenti rikjesti fl-Artikoli 3, 15 u 18 tar-Regolament [Governance], u dawk tal-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet intergovernattivi, l-istudji xjentifiċi rilevanti u kull informazzjoni rilevanti oħra. Il-Komunità għandha timmonitorja wkoll iċ-ċaqliq fil-prezzijiet tal-prodotti essenzjali assoċjati mal-użu tal-bijomassa għall-enerġija u kull effett pożittiv jew negattiv fuq is-sigurtà tal-ikel.

Ġustifikazzjoni

Għandu jittieħed approċċ komprensiv li jippermetti tqabbil.

Emenda 40

Proposta għal direttiva Artikolu 30 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Sal-31 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 26 jipprevjenux b'mod effettiv l-użu ta' bijomassa forestali u agrikola insostenibbli, jappoġġawx l-użu kaskata tal-bijomassa u jindirizzawx l-emissjonijiet diretti u indiretti tal-karbonju tagħha inklużi dawk mis-settur tal-forestrija, u għandha, jekk xieraq, tippreżenta proposta leġislattiva sabiex temenda r-rekwiżiti rilevanti.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija intrinsikament marbuta mal-introduzzjoni ta' kriterji ġodda ta' sostenibbiltà għall-bijoenerġija forestali u dik agrikola u l-emendi għall-Artikolu 26.

Emenda 41

Proposta għal direttiva Anness IX – Parti A (parti) – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) Effluwent minn imtieħen taż-żejt tal-palm u għenieqed vojta tal-frott tal-palma. imħassar

Ġustifikazzjoni

Il-politika tal-UE dwar l-enerġija għandha tkun konsistenti mal-prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp u r-realizzazzjoni tal-Aġenda 2030. Din il-materja prima hija marbuta mal-produzzjoni ta' bijokarburanti tal-ewwel ġenerazzjoni li mhumiex sostenibbli u se żżid il-valur ekonomiku tagħhom, biex b'hekk jipperikolaw id-drittijiet għall-ikel u għall-art fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.

Emenda 42

Proposta għal direttiva Anness IX – Parti A (parti) – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) Glicerina mhux raffinata. imħassar

Ġustifikazzjoni

Din il-materja prima hija marbuta mal-produzzjoni ta' bijodiesel insostenibbli.

Emenda 43

Proposta għal direttiva Anness IX – Parti A (parti) – punt p

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(p) Materjal ċellulożiku mhux tal-ikel imħassar
ieħor kif definit fil-punt (s) tat-tieni
paragrafu tal-Artikolu 2.**

Ġustifikazzjoni

Il-promozzjoni tal-art li tuża l-għelejjel għall-enerġija mhijiex kompatibbli mal-impenn tal-UE favur l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

Emenda 44

Proposta għal direttiva Anness IX – Parti A (parti) – punt q

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(q) Materjal linjoċellulożiku ieħor kif imħassar
definit fil-punt (r) tat-tieni paragrafu tal-
Artikolu 2 għajr zkkuk maqtugħin u zkkuk
maqtugħin miksija b'fuljetta fina.**

Ġustifikazzjoni

Huwa biss l-użu tal-iskart tal-injam ġenwin li għandu jkun inċentivat biex jevita d-deforestazzjoni jew l-isfruttar eċċessiv tal-foresti.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (tfassil mill-ġdid)
Referenzi	COM(2016)0767 – C8-0500/2016 – 2016/0382(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 1.3.2017
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 15.6.2017
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Florent Marcellesi 6.4.2017
Eżami fil-kumitat	30.8.2017
Data tal-adozzjoni	10.10.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 15 –: 11 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Beatriz Becerra Basterrechea, Ignazio Corrao, Nirj Deva, Doru-Claudian Frunzuličă, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, György Hölvényi, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Arne Lietz, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Maurice Ponga, Lola Sánchez Caldentey, Eleftherios Synadinos, Eleni Theocharous, Patrizia Toia, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marina Albiol Guzmán, Thierry Cornillet, Brian Hayes, Cécile Kashetu Kyenge, Florent Marcellesi

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

15	+
ALDE	Beatriz Becerra Basterrechea, Thierry Cornillet, Paavo Väyrynen
EFDD	Ignazio Corrao
GUE/NGL	Marina Albiol Guzmán, Lola Sánchez Caldentey
S&D	Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Cécile Kashetu Kyenge, Arne Lietz, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Patrizia Toia
Verts/ALE	Maria Heubuch, Florent Marcellesi

11	-
ECR	Nirj Deva, Eleni Theocharous
NI	Eleftherios Synadinos
PPE	Brian Hayes, György Hölvényi, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Maurice Ponga, Bogdan Brunon Wenta, Joachim Zeller, Željana Zovko, Anna Záborská

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni